Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

ISSUE NO. 10 · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · MARCH 2019

## NOTRE DAME

Matul is-snin il-posta ħarġet diversi bolol li juru 'il-Madonna taħt titli differenti. F'din il-ħarġa se nkunu qed nagħtu ħarsa lejn il-bolol li nsibu fil-kollezzjoni filatelika ta' Malta li juru lill-Verġni Marija b'artiklu miktub mill-membru Carmel Bonnici. Hekk kif Malta hemm devozzjoni kbira lejn il-Madonna, bla ma trid il-Madonna sabet postha f'diversi ħarġiet tal-posta li jikkomemmorraw xi ċentinarju partikolari, xogħol ta' arti li żżejjen bini prominenti f'Malta, u anki bħala aspett, mill-kultura Maltija. Dan l-aħħar fis-sett tal-vari titulari l-Madonna sabet ruħha fuq diversi bolol, fosthom anki sett sħiħ.





## PRESIDENT

Hekk kif għadha kemm tħabret li wieħed minn fostna se jilħaq il-President ta' Malta f' din il-ħarġa f'paġna **nru. 5** se nkunu qed nagħti ħarsa dwar il-ħajja tat-Tabib Vella. >



## OPINION

On **page 7** Mario Casingena will give his opinion about the last stamp issues issued by Maltapost. We appreciate your opinion on the latest issues in Malta or in other countries >

## KURŻITÀ

L-ogħla kollezzjoni filatelika li qatt inbiegħet kienet il-kollezzjoni Kanai. Din tikkonsisti f'183 paġna ta' bolol klassiċi mill-Mawrizji, fejn inbiegħet għall-prezz ta' 15-il mijun frank Żvizzeru (€13,316,575.35) fit-3 ta' Novembru, 1993 mill-irkantatur David Feldman fl-Iżvizzera. Din imsemmija għall-Inġinier Ġappuniż Hiroyuki Kanai li kkolezzjonha.

**€13,316,575.35**

# Nagħtu Ġieħ

MILL-EDITUR
SEAN CHIRCOP



Il-komunità ma tkunx waħda ħajja jekk il-membri tagħha ma jimxux 'il quddiem biex jaraw kif se joffru s-servizz tagħhom lejha billi jkunu ċittadini attivi. Kieku ma jkunx għas-saħħa tal-volontarjat ħafna mill-affarijiet fil-komunità ma jsirux, nieħdu mill-festa tar-raħal għal diversi għanijiet filantropiċi. B'hekk wara li dawn in-nies jagħtu s-servizz tagħhom b'mod volontarju u jkunu innovattivi fl-ideat u l-proġetti tagħhom tajjeb li l-komunità stess tirrikonoxilhom il-ħidma tagħhom u tagħtihom ġieħ ta' dan. Il-ġieħ jew l-onorifiċjenza huwa rigal żgħar li l-komunità tista' tagħti għax-xogħol siewi li dawn l-individwi jkunu qed iwettqu, iżda li turihom li int tapprezza l-ħidma tagħhom tagħti spinta biex ikomplu b'dak li jkunu bdew.

Fil-fatt ta' kull sena l-Kunsill Lokali taż-Żejtun, fid-19 ta' Marzu, jagħti Ġieħ iż-Żejtun lil persuna distinta li bil-ħidma u s-servizz volontarju tkun għolliet l-isem taż-Żejtun u ż-Żwieten 'il fuq. Għall-okkażżjoni ta' għeluq il-25 sena, mit-twaqqif tal-ewwel Kunsill Lokali, lura għad-19 ta' Marzu, 1994, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb li jonora erba' unuri oħra għall-ħidma varja; l-Anzjanità Attiva, Ħarsien il-Wirt Kulturali, l-Isportiv tas-Sena, u l-Fjamma Żagħżugħa. Minn hawn nifraħ lill-persuni kollha li ngħataw xi ġieħ f'din l-okkażżjoni, fosthom tnejn li kienu ta' xrara importanti fil-Grupp Filateliku taż-Żejtun, l-ex-Kunsillier tal-Kultura u l-ex-Chairperson tal-Grupp Filateliku, is-Sur Anthony Seychell, u l-aktar membru veteran tal-Grupp tagħna, is-Sur Francis Falzon. Is-Sur Seychell ingħata l-unur Ħarsien il-Wirt Kulturali għall-ħidma tiegħu fil-Kunsill fil-qasam tal-kultura, kif ukoll għat-twaqqif tal-Grupp tagħna lura għall-2002. Min-naħa 'l oħra s-Sur Francis Falzon ġie onorat bl-unur Anzjanità Attiva, għall-ħidma volontarja tiegħu bħala segretarju tal-Fondazzjoni Nazareth.

Din is-sena Ġieħ iż-Żejtun ingħata lis-Sur Anthony Spagnol, artist u restawratur mill-aqwa miż-Żejtun. Unuri oħra ngħataw ukoll lill-Perit Ruben Abela, il-President ta' Wirt iż-Żejtun, fil-qasam ta' Ħarsien il-Wirt Kulturali, is-Sur Vincent Cumbo, li għamel żmien twil jgħin lill-ex-Ministru tal-Posta Wistin Abela u fl-anzjanità tiegħu għadu attiv, lis-Sa. Francesca Mifsud, li għamlet diversi suċċessi fil-qasam tas-sbuħija, u lis-Sur Aidan Cassar, kantant li qed jagħmel diversi suċċessi, bħala l-unur ta' Fjamma Żagħżugħa, u lill-aħwa Kurt Zahra u Mariah Zahra bħala l-isportivi tas-sena.

Minn hawn nixtieq nifraħ lil tlett persuni distinti li f'dawn l-aħħar jiem komplew jgħolli l-isem taż-Żejtun bil-ħidma tagħhom. Żgur ma nistax ninsa lil Dr. George Vella, li fl-4 ta' April li ġej, se jkun qed jilħaq l-10 President tar-Repubblika ta' Malta. Dr. Vella huwa wkoll filatelista, infatti f'din il-ħarġa f'paġna nru. 5 se nkunu qed nagħti ħarsa dwar min hu t-Tabib Vella. F'dawn l-aħħar ġimgħat Dr. Ramona Frendo, l-ewwel mara Kunsilliera fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun, laħqet ukoll Imħallef fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Kif ukoll nifraħ lis-Sur John Spiteri li għadu kemm ġie appuntat Ambaxxatur għall-Kroazja u s-Slovakkja.

F'din il-ħarġa ma stajtx ma nifraħx lil dawn in-nies li qed itellgħu l-isem taż-Żejtun 'il fuq bil-ħiliet u t-talenti tagħhom. Kieku ma jkunux dawn in-nies u oħrajn fil-komunità ħafna mill-affarijiet jintemmu ħesrem. Dan jgħodd ukoll għall-filatelija li kieku ma jkunx l-entużjażmu ta' ħafna minkom li fil-kwiet ta' djarkom u bla daqq ta' trombi taħdmu għal din in-namra b'tant dedikazzjoni kieku żgur l-użu tal-bolla ntemm ħesrem mal-era teknoloġika.

# Il-Madonna, fil-Filatelija Maltija

BY
CARMEL BONNICI

**Il-Madonna tal-Karmnu—Valletta**




Nhar it-12 ta' Lulju 1951, il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' tliet bolli bl-istess disinn biex tikkommemora s-VII Ċentinarju tal-Iskapular, meta l-Madonna dehret lil San Xmun Stock. Is-sett bolli kien iddisinjat minn Bradbury, Wilkinson & Co.. u hu riproduzzjoni tal-pittura li hemm fuq l-altar maġġur fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u l-Bambin nkurunati, jissemma għall-ewwel darba fil-viżita pastorali li l-Inkwiżitur Ġenerali, Mons. Gregorio Salviati, għamel fil-Bażilika fil-Belt, f'Ġunju 1755.

**L-Immakulata Kunċizzjoni—Bormla**




Fit-8 ta' Settembru 1954, sett ta' tliet bolli bl-istess disinn, inħareġ mill-Posta ta' Malta biex jikkommemora ċ-Ċentinarju tad-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni. Harrison & Sons iddisinjaw dawn il-bolli, fejn ġabu l-pittura ta' l-1850 li pitter Pietro Paolo Caruana, li tinsab fuq l-altar maġġur tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla.

**Il-Madonna tad-Damaxxena—Valletta**




Fis-7 ta' Settembru 1962, ħareġ sett ta' erba' bolli bit-titlu "Kommemorazzjoni tal-Assedju l-Kbir". Fuq il-bolla taż-2d tidher l-ikona tal-Madonna ta' Damaxxena li tinsab fil-Knisja Griega Biżantina Kattolika fil-Belt, li hi ddedikata lil Madonna ta' Damaxxena. L-ikona kienet inġabet Malta minn Rodi mill-Kavallieri ta' San Ġwann jew minn nies li ġew magħhom fl-1530.

**Il-Madonna tal-Vittorja—it-Twelid tal-Madonna—L-Isla**




Fl-24 ta' Lulju 1971, ħareġ sett ta' erba' bolli bit-tema "Anniversarji Reliġjużi". Tnejn mill-bolli juru pittura ta' San Ġużepp, waqt li t-tnejn l-oħra juru il-vara tal -Madonna tal-Vittorji li tinsab fil-Bażilika ta' l-Isla. Dawn l-erba' bolli ġew iddisinjati minn Chev. Emvin Cremona.

**Il-Madonna ta' Pinu—L-Għarb**




Fil-5 ta' Marzu 1988, il-Posta ħarġet sett ta' tliet bolli bit-titlu "Kommemorazzjonijiet Reliġjużi". Il-bolla tat-12-il ċenteżmu turi l-pittura tal-Madonna, magħrufa bħala "Ta Pinu", li tinsab fis-Santwarju ddedikat lilha barra l-Għarb, Għawdex. Din il-pittura hi attribwita lill-pittur Amadeo Perugino. Iddisinja l-bolli Frank Portelli.

**Il-Lunzjata—** ***Valletta u l-Imdina***




Fit 30 ta' Marzu 1977, il-Posta bdiet toħroġ bolli li juru l-Arazzi Fjamingi li hemm fil-Belt Valletta. Fl-ewwel sett, il-bolla taż-2ċ turi t-Tħabbira ta l-Anġlu lil Marija.
Is-sett ta' Arazzi, li jinsabu fil-Katidral ta' San Ġwann, ġew mogħtija bħala rigal mill-Gran Mastru Aragoniż Ramon Perellos y Roccaful lill-Knisja tal-Kavallieri meta ġie elett bħala Gran Mastru fl-1697. L-istatut tal-Ordni ta' San Ġwann kien jgħid li meta jilħaq Gran Mastru ġdid għandu jippreżenta rigal lill-Knisja Konventwali ta' l-Ordni. L-Arazzi li hemm f'San Ġwann huma l-akbar sett komplut fid-dinja u jikkonsistu f'disgħa u għoxrin biċċa. Kienu ordnati mingħand in-nissieġ Belġjan Judocus de Vos. Dan is-sett wasal Malta fl-1702.




Imbagħad, fl-4 ta' Settembru 2017, il-MaltaPost ħarġet sett ta' ħames bolli biex tfakkar it-350 Anniversarju mill-mewt ta' l-iskultur Malti Melchiorre Gafa'. Il-bolla tal-51c turi buzzett tat-Tħabbira tal-Anġlu lil Verġni Marija, imdawla b'raġġi ta' dawl. Dan il-buzzett jinsab fil-kollezzjoni tal-Katidral tal-Imdina.

**Il-Madonna tal-Mellieħa**




Fis-6 ta' Ottubru 1999, il-Posta ħarġet miniature sheet b'valur ta' 6ċ u bolla oħra separata ta' 35ċ biex tikkommemora s-Santwarju tal-Mellieħa. Il-miniature sheet tfakkar il-Mitt Sena tal-Inkurunazzjoni tal-pittura antika tal-Madonna tal-Mellieħa, li ġrat fl-24 ta' Settembru 1899. Din il-pittura venerabbli tal-Madonna u Ġesù, li ġiet impinġija dirett fuq il-blat, probabbli hi l-eqdem waħda ta' din it-tema li tinsab fil-Gżejjer Maltin.

Il-bolla l-oħra tal-35ċ turi pittura ta' ex-voto tal-Fra Wolfgang Philip Guttenburg jitlob grazzja lill-Madonna tal-Mellieħa. Iddisinja iż-żewġ bolli Joseph Mizzi.

**L-Immakulata Kunċizzjoni - Il-Ħamrun**




L-erba' titli tal-Madonna li ġejjin dehru fl-14 ta' Awwissu 2018. Il-MaltaPost ħarġet it-tieni sett ta' għaxar bolli differenti li juru l-vari li joħorġu fil-festi Maltin. Fost dawn il-vari nsibu erba' vari ddedikati lill-Madonna.

Il-vara tal-Immakulata Kunċizzjoni tinsab fil-Parroċċa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Ħamrun. Din l-istatwa kienet maħduma ġewwa Ruma fil-kartapesta, u ġiet mogħtija bħala rigal mill-patrijiet tal-Knisja tal-Franġiskani tal-Belt.

**Il-Madonna tal-Karmnu - L-Imdina**




il-vara tal-Madonna tal-Karmnu tinsab fil-Knisja tal-Karmelitani fl-Imdina. Din il-vara tal-injam saret mill-Iskultur Andrea Imbroll fl-1761.

**Il-Madonna tal-Vittorji - L-Isla**




It-tielet bolla ddedikata lill-Madonna turi l-vara magħrufa bħala "Marija Bambina" tal-Isla. Il-vara tmur lura għas-sena 1618, meta l-baħrin ta' xini Awstrijak sabu biċċiet minn galljun mgħarraq ħdejn il-Gżejjer tad-Dalmazja. **(ikompli p. 6)**

# *Niltaqgħu ma'* *Dr. George Vella*

Dr. George William Vella, it-tabib tal-familja, il-filatelista, il-Ministru, id-Deputat Prim Ministru u daqt se jkun il-President ta' Malta. It-Tabib Vella, kif jafuh ħafna Żwieten, twieled iż-Żejtun fl-24 ta' April, 1942, mill-koppja Marija u Leli. Fil-familja kienu tlett aħwa. Żewġ subien u tifla. Fi ċkunitu ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja taż-Żejtun u aktar tard ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ De La Salle. Fl-1964 iggradwa bħala tabib u kien jispeċjalizza bħala tabib tal-familja. Minn età żgħira kien attiv fejn meta kien student serva wkoll bħala President tal-Malta Medical Students Association. Għamel għal ċertu snin jaħdem ukoll bħala tabib tal-Malta Drydocks.

Fl-1976 ikkontesta għall-ewwel darba bħala kandidat għall-elezzjoni ġenerali f'isem il-Partit Laburista fuq it-tielet distrett, id-distrett taż-Żejtun. Fl-ewwel elezzjoni ma kienx ġie elett, iżda wara sentejn sab ruħu fil-Parlament wara li kien hemm by-election fl-istess distrett. Wara ġie elett fil-Parlament mill-1981 sal-1987, fejn serva f'diversi rwoli differenti. Fl-elezzjoni tal-1987 ma kienx ġie elett, iżda fl-1992 reġa' sab postu fil-Parlament u laħaq deputat mexxej tal-Partit Laburista, kariga li dam isservi fiha sal-2003. Fl-1996, kien laħaq bħala Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin. Meta l-Partit Laburista reġa' ġiet elett fl-2013, Dr. Vella reġa' serva bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin. Fl-2017 ma reġgħax ikkontesta l-elezzjoni ġenerali u b'hekk irtira mill-politika.

Hu miżżewweġ lil Miriam nee Grima u għandhom tlett itfal, Claire, Elaine u George Jr. Illum il-ġurnata għandu wkoll 7 neputijiet. Fil-ħin liberu tiegħu jħobb jaqra, jisma' l-mużika, u jfittex affarijiet antiki, iżda l-aktar li jinteresna f'din il-gazzetta hi li hu wkoll filatelista. Infatti lill-Grupp Filateliku taż-Żejtun fl-2004 kien tah bħala rigal sett ta' kotba li huma bulettini tal-filatelija. Dawn il-kotba għadhom miżmuma fil-librerija privata tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun bl-akbar għożża.

Fl-4 ta' April li ġej Dr. George Vella se jkun qed jilħaq l-10 President tar-Repubblika ta' Malta, l-ogħla grad li tista' tilħaq hawn Malta. Ta' dan nifirħu mill-qalb lit-Tabib Vella ta' din il-pożizzjoni tant importanti li se jkun qed imexxi fil-ħames snin li ġejjin.

## ABBONA

Din il-ħarġa se toħroġ erba' (4) darbiet fis-sena. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ lejn l-aħħar ta' **Ġunju 2019**. Din il-ħarġa hi b'xejn għall-membri kollha tal-għaqda, iżda dawk li mhux membri jridu jħallsu €0.50ċ. Biex tabbona jew tibgħat ittra lill-għaqda ibgħat fuq l-indirizz jew l-email t'hawnhekk.

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**

**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: **Telefon: 2166 3866**

Mobile: **9920 3815**

E-mail: **chircop.sean@gmail.com**

Disinn: **Glen Chircop**

**Il-Madonna taċ-Ċintura - Il-Gudja**

Bolla oħra turi l-vara tal-Madonna taċ-Ċintura li tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja. Din il-vara giet maħduma minn Gallard et Fils ġewwa Marsilja, Franza, u ġabuha Malta fl-aħħar tas-seklu dsatax.




**L-Assunta - Tlugħ is-Sema ta' Marija**

Fl-14 ta' Awwissu 2017, il-MaltaPost ħarġet l-ewwel sett ta' għaxar bolli li fihom jidhru għaxar vari ta' Santa Marija li joħorġu fil-Festi Maltin. Dawn il-vari jinsabu f'dawn il-parroċċi ġewwa Malta u Għawdex.

Ħ'Attard: Vara maħduma ġewwa Pariġi minn Raffl Ignaz fl-1874 u magħmula minn porċellana fina.

Ħad-Dingli: Vara skolpita fl-injam fl-1861 minn Mastru Anton Busuttil u ibnu.

Ħal Għaxaq: Vara skolpita fl-injam fl-1808 minn Marjanu Gerada.

Il-Gudja: Vara skolpita minn Vincenzo Dimech fl-1807. Din hija l-eqdem vara titular ta' l-Assunta fil-Gżejjer Maltin.

L-Imġarr, Malta: Il-vara ġiet maħduma f'Marsilja, Franza, u ġabuha Malta fl-1922.

Il-Mosta: Il-vara ġiet skolpita minn Salvatore Dimech fl-1868. Aktar tard, fl-1948, kienet modifikata minn Ċensu Apap.

L-Imqabba: il-vara ġiet skolpita fl-injam minn Xandru Farrugia fl-1836.

Il-Qrendi: Din il-vara ġiet ukoll skolpita fl-injam minn Antonio Chircop fl-1837.

Ir-Rabat, il-Katidral ta' Għawdex,: Il-vara ġabuha minn Ruma fl-1897.

Iż-Żebbuġ, Għawdex: Il-vara ġiet maħduma minn Gallard et Fils ġewwa Pariġi, Franza, fl-1863.



# The Dogs & others

BY

**MARIO CASINGENA**

October 2018 brought about a beautiful issue of the most loved animal, excellently prepared by Andrew Micallef. A set of 16 pieces, pricey indeed. The dog had been the subject of issues in 1996, 2001, and one stamp with a dog in 2006 (2006 set of domestic pets designed by the same artist). However the 2018 the accompanying bulletin explains a striking news "Chinese Zodiac" and this could be interpreted that there are more issues to follow.

Chinese associate an animal with certain characteristics, with the believe that people born in a given year have the "personality" of that year's dedicated animal. Zodiac animals listed are rat ,ox, tiger, rabbit, dragon, snake, horse, goat, monkey, rooster, and pig. 2019 marks the year of the pig, then followed by the rat ( unaware of the odd breeds in this particular animal category ). Although mostly are unfamiliar, still could be challenging and get down to a presentation from paintings or detail thereof available in local museums.

Going back on the issue under review, the breed of the dog is printed on the stamp in English when it could have been presented in Maltese or malteseing a foreign name. Thus Cavalier King Charles could become something like "Cavalier Re Karlu?" looking better and would be more interesting to foreign philatelists. Three particular breeds are erroneously sporting a petty thing that is not common to the rest ie a collar and a tiny bowtie. Here it is meant that all breeds should have been presented in the same manner. Perhaps, most of the breeds are somewhat unfamiliar to the average household and it is bound to take some time that these could gain ground, if ever. I know someone who has imported a neutered species from neighbour Sicily, therefore this does not leave room for local breeding, does it ? The whole new issues of Maltapost are that surprising, at a selection that foregoes the local identity, for the local dogs my imagination leads me restrictively to the "the kelb tal-fenek" or "kelb tal-but". Stamp issues in general terms, are losing a soul, the local dimension for posterity is failing dramatically. The preserved local identity should be the foremost in issues, that would be of interest to philatelist both on the local and international seen, please. I am bound to ask, how is a theme issue decided upon ? Local identity? Commercial aspect?



*Padre Pio—September 2018*




The last months brought about a number of interesting issues, starting from Padre Pio apparently the Saint title had been overlooked by Maltapost. The miniature sheet a reproduction of an interesting painting by Patri Krispin who passed away in 2015. Thus this Patri Krispin is not to be mistaken with the "survived" mummified Brother Krispin found in the friary in Floriana. Beautiful matching 999.0 fine silver hermetically sealed stamp. Simply, a fund raising exercise for fail to understand the sort of relationship there stood between the Saint and Malta after all. The year 2013 no mention was made to a particular anniversary that of the Eucharistic Congress in 1913. Religion, then played an important part in the life of the people and the twenty-fourth session of the mentioned congress was met with great pomp. A monument that of "Christ the King" by Antonio Sciortino was erected, in commemoration of the Congress, at the Mall in Floriana in 1917. The same monument featured in the definitive issue of 1956, also in 1988 Religious Commemorations. Definitive issue of 1965, Envin Cremona gave a contemporary interpretation of the Congress. Therefore when deciding on such a stamp issue as that of Padre Pio, was it the number of Maltese devotees as the main deciding factor ? (As a guaranteed minimum sale perhaps!)

**Saints - August 2018**

The Santa Marija issue was an extremely beautiful set and imagined that other issues would follow something similar. Speculated on Saint Paul as most likely but then the Saint was the subject of quite a number of past issues, particularly the "Year of Saint Paul" in 2008. However what did get was ten random selection of statutes with the blue sky backdrop. Is there supposed to be a relation in the statues selected please ? Therefore other issues will be based on another ten selection with the magical heavenly sky perhaps? Or at best the Good Friday statues offer volumes of material.

**Euromed Postal - Houses in the Mediterranean—July 2018**







Two unique beautiful facades however would have preferred having one stamp with a red, or a natural wooden finish door. And that small feature that used to be found by the door steps to clean the shoes before entering the house, is missing. At times it is the small detail that counts, and in a way makes the uniqueness in a presentation as much as the bougainvilleas did. There could have been ample room for more of an average humble dwellings, that are now the trend of exploitation by real estate investors.

# MV ŻEJTUN

BY
CARMEL BONNICI

**SEA MALTA ship MV ŻEJTUN (Ex-VASA)**

In 1974, Sea Malta bought its first vessels, named RABAT and ŻEJTUN. The latter (Żejtun), although one of the most famous ships owned by the company was quite unfortunate, as in 1976 a bow replacement was needed after a collision with another ship near Capo Passero in Sicily, whilst in 1978 while moored in Tunis, it heeled and had to be brought to Malta Drydocks for needed repairs.

Technical Data
Vessel Type: Ro-ro Cargo
Gross Tonnage: 2,243 tons
Summer DWT: 1,377 tons
Built Year: 1967
Builder: Jj Sietas Schiffswerft – Hamburg, Germany






# NIĊEĊ IŻ-ŻEJTUN














*F'Mejju 2019 se tiġi fi tmiema s-sensiela Niċeċ iż-Żejtun li b'kollox se jkunu ħarġu 25 bolla u postcard li juru niċeċ differenti taż-Żejtun. Fiż-Żejtun jeżistu 'l fuq minn 90 niċċa antika, li hemm minnhom għandhom valur storiku u arkitettoniku kbir, b'hekk ma stajnix noħorġu n-niċeċ taż-Żejtun kollha, għax kienet tiġi sensiela twila ħafna. Fosthom hawn fuq qed inpoġġu ritratt ta' 6 niċeċ oħra li nsibu ż-Żejtun; l-istatwa ta' San Girgor, Niċċa ta' San Nikola fi Triq Marsaxlokk, Niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Marsaxlokk, li se tiġi nawgurata fil-ġimgħat li ġejjin, statwa ta' Santu Wistin, Niċċa ta' San Mikiel fi Triq San Mikiel u Niċċa ta' Marija Assunta fi Triq is-Salvatur. Nhar il-Ħadd 19 ta' April, mid-9:30 a.m., se tkun qed issir mixja madwar in-niċeċ taż-Żejtun minn Wirt iż-Żejtun. Se jkun qed imexxi din il-mixja Sean Chircop, dan ġie fdat b'din il-mixja wara r-riċerka li saret biex ħarġet din is-sensiela f'dawn l-aħħar sentejn.*

# KWIŻŻ IŻ-ŻEJTUN 5.37

Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, flimkien mal-għaqda Żejtun Organisation to Empower You (ŻOEY), f'Mejju 2019 se jkunu qed joħorġu card game ġdida forma ta' kwiżż. Din il-card game hija mmirata għall-familja kollha, fil-fatt hi logħba li tgħaqqad lill-familja u biex fl-istess ħin jitgħallmu aktar dwar l-istorja taż-Żejtun.

F'din il-logħba nsibu cards b'200 mistoqsija kollha kemm huma dwar iż-Żejtun. Il-mistoqsijiet huma maqsuma f'erba' mazzi differenti, kull mazz fih 50 card. Il-mistoqsijiet jittrattaw il-Personaġġi, l-Istorja, il-Kultura u l-Postijiet ta' Patrimonju li nsibu fil-konfini taż-Żejtun. B'hekk l-isem 5.37 l-area kollha li fihom il-konfini taż-Żejtun.

Il-logħba tista' tintlgħab bejn żewġ persuni jew aktar li għandhom 'il fuq minn 10 snin. Kull round fih 10 mistoqsijiet varji, skont in-numru li jitla' fid-dada, u min jikseb l-akbar numru jieħu t-titlu tas-Sindku taż-Żejtun.

Barra minn hekk kull card fiha QR Code biex il-logħba tkun aktar interattiva u tista' tuża t-tablet jew il-mobile u permezz ta' skan ikollok aktar informazzjoni fuq it-tweġiba li jkollok. Fost il-mistoqsijiet hemm waħda wkoll li titratta l-Grupp Filateliku taż-Żejtun u l-istorja tal-filatelija fiż-Żejtun, biex nippromovu wkoll il-filatelija fost it-tfal u ż-żgħażagħ.

Il-prezz ta' din il-logħba hu ta' 10 ewro u l-ordnijiet se jibqgħu jiġu milqugħa sal-aħħar ta' Mejju 2019.














# NIĊEĊ IŻ-ŻEJTUN
# L-AĦĦAR SETT
# MEJJU 2019






LOGHBA MAHRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEJTUN,
FUQ INIZJATTIVA TAT-TAQSIMA GHALL-KULTURA, IT-TURIŻMU
U L-EDUKAZZJONI GHOLJA, IMMEXXIJA MILL-KUNSILLIER SEAN CHIRCOP

